# 150 sena ilu fl-1844 il-Mellieħa reġgħet saret Parroċċa wara mitejn u disa u sittin sena.

Din is-sena 1994 jaħbat il-150 sena min meta l-parroċċa tal-Mellieħa reġgħet twieldet wara li kienet spiċċat fl-1575. Hawn ser nagħru ftit tagħrif ta' dak kollu li għaddiet minnha l-parroċċa tal-Mellieħa f'dawn l-aħħar 150 sena.

**Diġa Parroċċa fl-1436**

Meta fl-1436 l-Isqof ta' dak iż-żmien Senatore de Mello ordna li isir lista tal-benefiċċji kollha ta' Malta il-knisja tal-Mellieħa kienet waħda minnhom. F'dak iż-żmien kien jieħu ħsieb il-knisja ċertu Dun Luqa Camilleri. Din il-knisja tal-Mellieħa flimkien mal-knejjes l-oħra msemmija kienu il-parroċċi ta' dak iż-żmien. Dan ifisser li l-Mellieħa kienet diġa parroċċa qabel l-1436, imma meta twaqqfet għad mhux magħruf.

**Mons. Dusina 1575**

Meta fl-1575 id-delegat Appostoliku Mons. Dusina żar il-knisja tal-Mellieħa huwa kiteb hekk, **"Mill-Parroċċa tal-Mellieħa ma għadx fadal għajr l-isem għax it-territorju kollu tagħha hu nieqes mill-abitanti li, minħabba l-ħbit u tfixkil tal-furbani, ħallew postijiet ta' ħdejn il-baħar u ngabru f'nofs il-gżira"**. Għalhekk il-Mellieħa ma kien għad fadal ħadd u ġiet sopressa minn parroċċa fejn ingħaqdet mal-knisja katidrali sal-1693 u wara mal-knisja matriċi tan-Naxxar sal-1844.



**1841 - L-Isqof Caruana jitħabat ħalli l-Mellieħa terġa' issir Parroċċa**

Fis-seklu 19 l-inħawi tal-Mellieħa reġgħu bdew isiru abitabli minħabba li l-attakki mill-furbani li jisirqu kull ma jaraw naqsu. Irridu nżommu quddiem għajnejna li għalkemm il-knisja tal-Mellieħa li alura qed nirreferu għas-Santwarju xorta waħda baqa' magħruf u devot min nies ta' Malta kollha. Fl-1841 l-Isqof reġa' għamel il-Mellieħa Parroċċa awtonoma, imma inqalgħu xi diffikultajiet min-naħa tal-kappillani tan-Naxxar u tal-Mosta. Wara ħafna żmien minħabba t-tilwim li nqala, l-Isqof kellu jirrikorri għal Kurja Rumana ħalli tinqata darba għal dejjem il-kwistjoni tal-Parroċċa tal-Mellieħa. Il-kawża inqatgħet favur l-Isqof, allura l-Mellieħa saret parroċċa fl-1844 bl-ewwel kappillan ikun Dun Pawl le Brun.



**Dun Pawl le Brun: 1844 - 1848**

Dun Pawl le Brun kien għamel ħafna żmien bħala Viċi Parrokku għalhekk kien jaf il-knisja tal-Mellieħa sew qabel ma ġie maħtur kappillan. Fi żmien Le Brun is-santwarju tkabbar kif nafuh illum. Le Brum irreżenja minn Kappillan fl-1848.



**Dun Ġużepp Baldacchino: 1849 - 1879**

It-tieni kappillan sab il-knisja mkabbra imma mneżża minn kull tiżjin. Għalhekk ħaseb biex

iżejjen il-knisja bl-affarijiet neċessarji. Fl-1853 Dun Ġużepp De Stefano irregala statwa li tirrapreżenta it-Twelid tal-Madonna. Din l-istatwa saret mill-iskultur magħruf Pietru Pawl Azzopardi. Din l-istatwa hija l-istess waħda li għadha tintuża ta' kull sena nhar il-festa. Sar id-damask kollu li jiksi il-ħitan tas-Santwarju. Fl-1859 saret l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju mill-magħruf Karlu Darmanin ta' l-Isla. Dun Ġużepp Baldacchino miet ħesrem nhar l-aħħar tas-sena 1879 fejn ġie midfun f'nofs il-kursija tas-Santwarju.



**Dun Franġisk Marija Magri : 1880 - 1907**

Fi żmien il-kappillan Magri il-poplu tal-Mellieħa baqa' jikber tant li nsibu li s-Santwarju beda jkun żgħir għal-popolazzjoni ta' dak iż-żmien. Għalhekk ġie deċiż li minflok jerġa' jitkabbar is-Santwarju tinbena knisja akbar qrib is-Santwarju. Wara xi diffikultajiet fl-1883 tqegħedet l-ewwel ġebal tal-knisja. Il-knisja damet 17 il-sena tinbena fejn ġiet mbierka nhar il-5 ta' Settembru, 1897 mill-Isqof Pietru Pace. Minbarra l-bini tal-knisja Magri ħa ħsieb ukoll li jagħmel kwadri tal-pittura għal-altari tal-knisja fejn ġie mqabbad il-pittur magħruf Ġużeppi Cali` li pitter ħames kwadri fosthom il-kwadru titulari li jirrapreżenta it-Twelid tal-Madonna kif ukoll ir-rebħa tal-Maltin fuq il-Mislem fl-Assedju l-Kbir tal-1565. Barra dak għammar il-knisja b'gandlieri u dak kollu li jeħtieġ għal-altari. Ġrajja importanti li seħħet fi żmien Magri hija l-inkorronazzjoni tax-xbiha għażiża u mirakoluża tal-Madonna tal-Mellieħa. Id-digriet ħareġ nhar id-29 ta' Mejju, 1895 mill-Papa Ljun XIII. L-inkoronazzjoni saret nhar l-24 ta' Settembru, 1899 mill-Isqof Pietru Pawl Pace mgħejjun mill-Isqfijiet G.M. Camilleri ta' Għawdex u Salvatore Gaffiero Awżiljarju għal Malta. Fl-1907 twaqqfet ukoll il-Banda La Vittoria. Din is-sena kienet ukoll l-aħħar sena għat-tmexxija tal-parroċċa tal-Mellieħa, fejn wara ħidma ta' 27 sena ġie maħtur Monsinjur tal-Katidral.



**Dun Karlu Cortis : 1908 - 1924**

Dun Karlu Cortis sab ħafna djun tal-bini tal-knisja parrokkjali. Għalkemm il-poplu tal-Mellieħa kien ilaħħaq mat-3000, il-poplu beda' jibża għas-sold li kellu minħabba l-Gwerra l-Kbira (1914 - 1918). Fl-1916 ġiet irranġata u ndurata l-istatwa tal-Bambina. Fl-1920 Cortis ippublika ktejjeb bit-taljan dwar l-istorja tas-Santwarju. L-Innu tal-Madonna tal-Mellieħa kitbu fl-1923 fejn ġie immużikat mill-magħruf kompożitur Ġużeppi Caruana. Wara parrokkat ta' sittax il-sena Cortis ġie magħżul bħala Monsinjur tal-Katidral fejn wara laħaq ukoll arċipriet.



**Dun Indri Fenech : 1925 - 1946**

Dun Indri Fenech li kien mill-Mellieħa ġie magħżul biex immexxi l-Parroċċa tal-Mellieħa. Il-kappillan Fenech ghandu l-merti li ħallas id-djun kollha li kien għad fadal tal-bini tal-knisja li kien ilhom ikaxkru għal madwar 30 sena. Fi żmienu ġew mżanżna is-sett qniepen sbieħ li ġew imħallsa mill-benefatturi. Dawn il-qniepen nħadmu ġewwa l-Italja għand id-ditta rinomata Barigozzi. Fl-1930

wara li tħallas id-dejn kollu tal-bini tal-knisja l-Arċisqof Dom Mawru Caruana ikkonsagra l-knisja nhar it-18 ta' Frar, 1930. Fl-1930 nsibu wkoll it-twaqqif tat-tieni Banda ġewwa l-Mellieħa. Din hi il-Banda Imperial. Fi żmien Fenech beda ukoll l-armar sabiħ tal-festa li minħabba l-gwerra dam ma tlesta. Fl-1940 Malta ġiet mdaħħla fi Gwerra li damet sejra sal-1945. Gwerra li għalkemm l-inħawi tal-Mellieħa ma tantx inħasset żgur li kulħadd kien imbeżża speċjalment minħabba xi invażjoni li setgħet saret f'xi bajja qrib il-Mellieħa. Fl-1946 Dun Indri spiċċa minn Kappillan wara ħidma ta' 21 sena fejn ġie ukoll magħżul bħala Monsinjur tal-Katidral.



**Dun Franġisk Xuereb : 1946 - 1967**

Is-sitt kappillan tal-Mellieħa wara li reġgħet saret parroċċa kien Dun Franġisk Xuereb li flimkien ma ħuh Dun Vincenz beda l-ħidma tiegħu fil-parroċċa tal-Mellieħa li damet għal 21 sena. Il-parrokkat ta' Xuereb beda wara li d-dinja għaddiet mill-gwerra li ħalliet ħerba mad-dinja kollha. Beda żmien ġdid ta' paċi. Idejat ġodda bdew inħolqu. L-appostolat tal-lajċi beda jieħu r-ruħ. Nsibu li l-kappillan Xuereb għen ħafna ħalli jitwaqqfu għaqdiet reliġjużi li ħafna minnhom għadhom jiffunzjunaw sallum. Bħal kull kappillan ieħor, il-kappillan Xuereb ħa ħsieb is-Santwarju tant għażiż tal-Madonna, billi żejjen il-ħitan tas-Santwarju b'irħam fuq disinji ta' Vincenzo Bonello. Minħabba ix-xogħol ta' restawr li kien qed isir fis-Santwarju fl-1949 il-festi ta' għeluq il-ħamsin sena mill-inkurunazzjoni tal-Madonna ma sarux imma saru fl-1950. Il-kappillan Xuereb temm il-ħidma tiegħu fl-1967 fejn ġie maħtur Monsinjur tal-Katidral.



**Dun Ġużepp Schembri : 1967 - 1985**

Dun Ġużepp Schembri ġie l-Mellieħa b'dik l-enerġija kollha ta' żagħżugħ mimli entużjażmu fl-eta ta' 31 sena. Bħal kappillan Xuereb għen ħafna ħalli l-għaqdiet tal-lajċi jkomplu jissaħħu ħalli joħroġ minnhom ġid spiritwali. L-ewwel biċċa xogħol li biha l-kappillan Schembri kien il-kisi tas-saqaf tal-knisja parrokkjali biex l-ilma tas-xita li kien jidħol ma jibqax jagħmel ħsara. It-teachers kienu ħallsu biex jagħmlu l-istatwi fl-erba lunetti li hemm taħt il-koppla. Saru ukoll l-istatwi ta' Mosè u Elija, kif ukoll ta' Sant'Anna u San Ġwakkin. Dawn kollha kienu magħmula mill-iskultur Ġanni Bonnici. Opra kbira ki titgawda minn kull min iżur il-parroċċa hija l-iskultura tista tgħid fil-maġġoranza tagħha saret fi żmien il-parrokkat ta' Schembri li tat dehra isbaħ lill knisja tal-Mellieħa. Għal kumdita tal-pubbliku għamel il-fannijiet mad-dawra tal-knisja, bankijiet, inbidel il-ħġieġ kollu tat-twieqi tal-knisja fejn ġew jaqblu mal-ambjent tal-knisja. Is-Santwarju tal-Madonna kien ingħata l-attenzjoni kollha tiegħu. Fis-snin sebgħin il-magħruf restawratur Samwel Bugeja beda r-restawr fuq il-pittura affresk tal-isqfijiet li hemm ġewwa l-Għar tal-Madonna li naraw illum. Din l-imaġini li hija mpittra fuq il-ġebel dirett qajmet ħafna diskussjonijiet mill-esperti tal-arti kif ukoll mill-istudjużi tal-istorja. Hu fatt magħruf li l-pitura tal-Madonna tal-Mellieħa li naraw illum hija waħda mill-eqdem pittura fuq ħajt li teżisti kif ukoll l-eqdem xbiha ta' Madonna ġewwa Malta. Fi żmien il-kappillan Schembri nxtara iċ-Ċentru Parrokkjali għat-tagħlim tad-duttrina. Wara ħidma ta' tmintax il-sena fil-parroċċa tal-Mellieħa, il-kappillan Schembri ġie magħżul Monsinjur Onorarju tal-Katidral. Il-kappillan Schembri miet nhar l-24 ta' Mejju, 1994, fejn għal-funeral tiegħu li sar fil-parroċċa ta' San Girgor-Sliema, ingħata tislima xierqa minn ħafna nies li kienu jafuh speċjalment nies u għaqdiet mill-Mellieħa.



**Dun Alfred Camilleri : 1986 - 1994**

Dun Alfred Camilleri, qassis żagħżugħ mill-Mosta ġie magħżul bħala kappillan tal-Mellieħa. Il-Mellieħa ta' żmien Dun Alfred kienet il-Mellieħa ta' żviluppi turistiċi u kummerċjali. Inbdew drawwiet sbieħ fost it-tfal tal-Mellieħa. Bdiet id-drawwa tat-tberik tal-annimali, festa għat tfal fi żmien il-festa tal-Bambina ħafna attivitajiet oħra li it-tfal jattendu numerużi għalihom. Biċċa xogħol li kellha bżonn ta' urġenza kienet li fuq il-kampnar tal-knisja parrokkjali ġew imneħħija il-kalamiti l-qodma u ġew immuntati l-ġodda ħalli jħarsu l-bini tal-knisja parrokkjali kif ukoll is-Santwarju mis-sajjetti. Inbidlet, l-għamara tas-sagristija fejn jintrefgħu l-apparat tal-fratellanzi kif ukoll apparat sagru li jintuża waqt il-funzjonijiet liturġiċi. Biex jibqgħu jiġu mfakkra dawk il-kappillani li ħadmu fil-Mellieħa. Giet imwaħħla rħama bl-ismijiet tal-Kappillani kif ukoll irħama li tfakkar il-konsagrazzjoni tal-knisja parrokkjali li kienet saret 1930. Ġew mixtrija żewġ linef tal-kristall antiki li tpoġġew fuq il-presbiterju li taw dehra sabiħa lill artal maġġur. Fis-sagristija ġew mdendla kwadri tal-pittura wara li dawn ġew irrestawrati. Opra kbira u sabiħa imma fl-istess ħin ta' bżonn huma l-antiporti li saru għal-bibien tal-knisja parrokkjali. Kien ilu ħafna żmien jinħass biex isiru dawn l-antiporti. Saru fuq disinn tal-magħruf Ġużeppi Galea tar-Rabat. Dawn l-opri kollha saru mill-ġbir tal-poplu li ta' kull xahar jgħin billi jagħti xi ħaġa iżjed mis-soltu. Beda u għadu sejjer ir-restawr tal-knisja parrokkjali minn barra li minħabba l-ħsara li kien hemm riedet tiġi irranġata mill-aktar fis possibli biex ma tkomplix issir iżjed ħsara.
Is-Santwarju ma naqasx li jkun hemm ukoll il-kappillan Camilleri li jieħu ħsiebu bħal ma ħadu ħsieb dawk ta' qablu. Beda jirrestawra il-kwadri tal-Ex Voto li hemm indendla fis-sagristija tas-Santwarju. Mal-bitħa tas-Santwarju għamel it-talba tal-Madonna tal-Mellieħa b'diversi lingwi. Sadantant ġie mħabbar li l-Papa kien ser iżur lill Malta fl-1990. Il-kappillan beda jaħseb minn qabel ħalli jekk il-Mellieħa tkun imdaħħla fiż-żjara tal-Papa ikun hemm ħafna xogħol mibdi jew lest. Hekk hu li fil-programm taż-żjara tal-Papa, il-Papa kien ser iżur lis-Santwarju tal-Madonna tal-Melleħin. Is-Santwarju ġie miżbugħ kollu minn ġewwa. L-art tal-bitħa tas-Santwarju ġiet iċċangata bil-lava bl-għajnuna tal- Gvern. Reġa sar ir-rixtellu tal-bieb li jagħti għal bitħa tas-Santwarju. Ġiet irranġata it-triq ta' wara s-Santwarju fejn l-aċċess għat-traffiku min-nofs il-bitħa tas-Santwarju spiċċa għal kollox. Il-ġurnata storika taż-żjara tal-Papa waslet, nhar is-Sibt 26 ta' Mejju, 1990. Wara li l-Papa talab quddiem ix-xbiha għażiża tal-Madonna, il-Papa xegħel luċerna tal-fidda biex tibqa bħala tifkira dejjiema tal-imħabba tagħna lejn il-Madonna. Il-Papa irregala kuruna tad-deheb u l-madreperla lis-Santwarju. Wara l-Papa ħareġ barra fejn min fuq tribuna mibnija apposta kellem lill-ġenituri tal-missjunarji li jaħdmu barra min Malta. Din it-tribuna ġiet mibnija fuq disinn tal-magħruf arkitett Richard England. Parti sewwa mill-ispejjeż għal bini tat-tribuna ħallsithom is-Sinjura Ġiovanna Camilleri li tiġi omm il-kappillan Camilleri. Ta min ifakkar il-kxif tal-monument tal-Papa mill-istess Papa. Tqegħdet ukoll irħama fejn qagħad għarkubtejh jitlob il-Papa Ġwanni Pawlu II. Biex iż-żjara storika tal-Papa ma tintesiex il-kappillan mgħejjun minn ħafna għamel wirja permanenti ġewwa għar kbir maġenb is-Santwarju fejn hemm esebit dak kollu li kellu x'jaqsam mal-miġja tal-Papa ġewwa l-Mellieħa.
Il-kappillan tal-Mellieħa Dun Alfred Camilleri ġie msejjaħ biex jaqdi dmirijietu bħala arċipriet fil-knisja parokkjali ta' San Pawl Nawfragu l-Belt Valletta. Dan seħħ propju f'Ġunju, 1994. Min qalbna nawgurawlu kull ħidma fejjieda fil-parroċċa l-ġdida, nirringrazzjawh ta' dak kollu li għamel għal parroċċa tal-Mellieħa u mwegħduh kull għajnuna speċjalment fit-talb tagħna.

**Dun Karm Tanti : 1994 -**

Is-suċċessur tal-kappillan Camilleri huwa il-kanonku Dun Karm Tanti min Ħal-Lija li bħalissa qed jaqdi dmirijiet tiegħu bħala Viċi fil-Knisja Kolleġġjata ta' Sant'Elena, Birkirkara. Lill-kappillan Tanti aħna nagħtuh merħba u nwegħduh kull għajnuna possibli ħalli jkun jista' jmexxi l-parroċċa tal-Mellieħa fil-qadi ta' dmirijietu.
B'hekk tajna ħarsa lejn dawn l-aħħar 150 sena ta' ħidma fejjieda tat-tmien kappillani li mexxew lill-poplu tal-Mellieħa f'kull għajnuna speċjalment spiritwali kif ukoll materjali. Minn hawn aħna lkoll nitolbu lil Alla l-Imbierek biex iħenn għal dawk il-kappillani li ħallew dan il-wied tad-dmugħ ħalli jgawduh għal-dejjem u jżomm idejh fuq il-kappillani li jaħdmu fl-għalqa tiegħu għas-salvazzjoni tal-erwieħ.

**Joe Catania**

**Għal aktar tagħrif ara wkoll:**


1. Alex. Bonnici *It-tieni twelid tal-Parroċċa tal-Mellieħa fis-sena 1841*, Marija Bambina - Mellieħa, 1986 pp. 9 - 12.
2. J. Cauchi, *Għeluq il-mitt sena mit-tqegħid ta' l-ewwel ġebla tal-knisja parrokkjali, Marija Bambina* - Mellieħa, 1983.
3. Id. *Il-kappillan Dun Ġużepp Schembri*, Festa Marija Bambina - Mellieħa, 1985.
4. Alexander Bonnici *Il-Mellieħa*, 1994.,p. 140.